MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-19 ta' Frar, 2009

Rikors Numru. 5/1997/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Alfred Balzan ghan-nom u bhala Direttur tas-Socjeta' Swift Investment and Trading Company Limited**

Il-Bord:

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Art li jghid:

Illi b'ittra ufficjali tas-7 ta' Dicembru 1994, l-intimat noe gie notifikat b'Avviz ghall-Ftehim fejn gie nfurmat li l-kumepns li l-Awtoritra' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera ta' bicca art f'Birkirkara tal-kejl ta' erbgha u hamsin (54) metri kwadri li tinkludi kamra kif immarkat bil-blu fuq LD 193/90/1 bhala Plot 1J li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjeta' ta' Joseph Aquilina u min-Nofsinhar u mill-Punent ma' proprejta' tal-werrieta ta'

Salvu Fenech, huwa ta’ sitt mija u tmien Liri Maltin (Lm608) kif jidher fir-rapport tal-Perit O. Caruana Montalto A&CE tal-24 ta’ Jannar 1994 li kopja tieghu hija annessa ma’ l-istess Aviz ghall-Ftehim;

Illi b’ittra ufficjali tad-29 ta’ Dicembru 1994 l-ntimat noe fost affarijiet ohra jiddikjara li ma jaccettax il-kumpens offert.

Illi b’cedola ta’ depozitu pprezentata fis-16 ta’ Frar 1995 gie depozitat il-kumpens offert ta’ sitt mija u tmien Liri Maltin (Lm608) ghall-bicca art fuq deskritta, u dan ai terminu tal-artikolu 22 (4) tal-Kap 88.

Illi skond l-istess artikolu 22 tal-Kap 88 dan id-depozitu ma jimpediex lill-intimati milli jkomplu jikkontestaw quddiem il-Bord l-ammont offert lilhom, liema ammont pero’ r-rikorrent jikkonferma li jqisu gust u skond il-Ligi;

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jiffissa l-kumpens ghall-art fuq imsemmija skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88).”

Ra l-ittra ufficcjali tal-intimati tad-29 ta’ Dicembru 1994 li permezz taghha, *inter alia,* irrifjutaw il-kumpens offert mill-Kummissarju tal-art;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Semgha l-provi;

Ikkonsidra:

Illi l-ilment saljenti tal-intimat huwa ravvizat fl-oggezzjoni tieghu ghas-somma offerta mir-rikorrenti.

Illi il-Bord kien assenja biex jassituh lill-Perti Arkitett Frederick H. Valentino u l-Perit Arkitett Joseph Mizzi u b’digret tat-8 ta’ Novembru, 2007dawn kienu sostitwiti mill-Perit David Pace u l-Perit Arktiett Joseph Briffa li pprezentaw ir-relazzjoni taghhom li tinsab annessa bhala

formanti parti minn din is-sentenza, fejn fil-parti konklussiva taghha jinghad hekk:

Huma ikkonsidraw dana kollu, kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet (Kap 88 tal-Ligijijet ta' Malta), u partikolarment l-Artikoli 18 u 18A, u bhala rizultat huma tal-opinjoni illi l-proprejta ghandha tigi meqjusa bhala art agrikola, pero bil-bini fuqha. Inoltre billi l-Avviz ghal Ftehim inhareg fl-1994, l-istima trid issir a bazi tad-disposizzjonijiet tal-Att fuq imsemmi qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi tal-2006, u bhala rizultat huma jidrilhom illi l-valur tal-istess proprjeta' bhala libera u franka, u kif deskritta fid-dokumenti esebiti, ghandu jigi iffissat fl-ammont ta' ghaxart elef hames mija u sitta u sebghin lira maltin (Lm10,576) u cioe erba u ghoxrin elf sitt mija hamsa u tletin euro u hamsa u erbghin centezmu (Euro24,635.45);

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jiffissa l-valur ghall-espropriju b' xiri assolut bhala libera u franka tal-bicca art f'Birkirkara, tal-kejl ta' erbgha u hamsin (54) metri kwadri li tinkludi kamra kif immarkat bil-blu fuq LD 193/90/1 bhala Plot 1J li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjeta' ta' Joseph Aquilina u min-Nofsinhar u mill-Punent ma' proprejta' tal-werrieta ta' Salvu Fenech, fis-somma ta'  cioe erba u ghoxrin elf sitt mija hamsa u tletin euro u hamsa u erbghin centezmu (Euro24,635.45) bl-imghax skond il-ligi. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------